**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 03/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/05/'12 286**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/05/'12 341**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 ta' Mejju 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Karigi / Responsabilitajiet tal-Kunsilliera
4. Ġbir ta' l-iskart
5. Impjegati tal-Kunsill
6. Tender - Rampa għal Aċċessibilita' Aħjar
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 02/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet żewgt emendi li huma:-

a) f'paġna 9, Artiklu 5.02 minflok il-kliem **"Blokk A fi Triq Bertha K.Ilg"** jitniżżel il-kliem **"Blokk K k/m Triq Jean Houel".**

b) f'paġna 11, Artiklu 8.01 minflok il-kelma **"port"** titniżżel il-kelma **"pont".**

1.3.03 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 20/KA1/12, 21a/KA1/12 u 21b/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A', 'B' u 'C').

## 2 Korrispondenza

| | |
|---|---|
| 2.01 | Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:- |
| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| 2289 | Ittra mingħand is-Sur Ronald Agius rigward ringrazzjament lis-Sindku, Kunsilliera u staff fi żmienu bħala Kunsillier. |
| 2298 | Email mingħand MP&DC rigward l-applikazzjoni ta' l-*Old peoples home*. |
| 2303 | Pagament mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar 'money insurance claim'. |
| 2642, 2960 & K608 | Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-tnaqqis mill-allokazzjoni. |
| 2686 | Email mingħand it-TCTC rigward IKIDS. |
| 2734 | Email mingħand is-Sur John Borg rigward il-bankina fi Triq Patrick Brydone. |
| 2987 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali tal-Qala rigward is-seba' edizzjoni tal-Qala International Folk Festival. |
| 2992 | Email mingħand il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward rimi ta' l-iskart tal-klieb. |
| 3025, 3059 & 3066 | Korrispondenza rigward claims. |
| 3057 | Ittra mingħand is-Sur David Soler rigward fondi b'konnessjoni mal-kontravenzjonijiet – San Ġiljan u Paċeville. |
| 3177 | Talba mingħand il-Kunsillier Anthony Grech sabiex issir *zebra cross* fi Triq B'kara. |
| 1889 & 3178 | Talba mingħand il-Kunsilliera Richard Scicluna u Anthony Grech sabiex jiġi estiż il-*hand rail* u jsiru 5 tarġiet in-niżla minn Ta' Ġiorni għal Telgħet B'kara. |

3179 Talba mingħand il-Kunsillier Anthony Grech sabiex issir rampa ta' nofs metru fi Triq il-Bajja ħdejn il-Muddy Waters Bar, minn isfel għal fuq li tispiċċa f'Telgħet B'Kara.

3180 Talba mingħand il-Kunsillier Anthony Grech sabiex issir rampa ħdejn il-Merhba Pharmacy Ta' Ġiorni.

3214 Email mingħand it-Transport Malta rigward tabelli fil-Housing Estate Ta' Ġiorni.

3227 Email mingħand l-Enemalta rigward id-dawl tal-*Playing Field* ta' Triq Birkirkara.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2298

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand MP&DC rigward l-applikazzjoni tal-MEPA għall-*Old peoples home*. Ġie deċiż unanimament illi l-ammont ta' €10,340.00c mhux ser jitħallas għalissa sakemm tingħata risposta mill-Perit Stephen Farrugia.

Rif. Nru. 2642, 2960 & K0608

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-tnaqqis mill-allokazzjoni. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi mill-ammont ta' €3,531.00c li tnaqqas mill-allokazzjoni, ser jingħata lura l-ammont ta' €1039.27c.

Rif. Nru. 2734

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur John Borg rigward il-bankina fi Triq Patrick Brydone ġie deċiż li s-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg imorru fuq il-post biex jaraw is-sitwazzjoni.

Rif. Nru. 2987

2.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali tal-Qala rigward is-seba' edizzjoni tal-Qala International Folk Festival. Ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita' bħas-snin li għaddew.

Rif. Nru. 2992

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward rimi ta' l-iskart tal-klieb. Ġie deċiż unanimament illi jinġabru kwotazzjonijiet għal tmintax-il *dog litter bin*. 'L-quddiem il-Kunsill jiddeċiedi fejn jitwaħħlu.

Rif. Nru. 3025, 3059 & 3066

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward *claims* li jista' jirċievi l-Kunsill. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jirreferi dawn l-ittri / *emails* lill-Avukat / *Insurance* fejn jiġu ttratati f'dan il-livell u li l-Kunsill ma jaċċettax li jsir xi tip ta' pagament.

Rif. Nru. 3177

2.08 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Kunsillier Anthony Grech sabiex issir *zebra cross* fi Triq B'Kara. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrakkomanda din il-proposta lit-Transport Malta.

Rif. Nru. 1889

2.09 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Kunsillier Richard Scicluna sabiex jiġi estiż il-*hand rail* li hemm fi Triq Albert Mayr viċin ir-residenza bl-isem Glenroy.

2.10 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 3178, 3179 u 3180

2.11 Saret riferenza għat-talbiet li saru mingħand il-Kunsillier Anthony Grech sabiex:-

a) jsiru 5 tarġiet fin-niżla minn Ta’ Ġiorni għal Telgħet B’Kara;

b) issir rampa ta’ nofs metru fi Triq il-Bajja ħdejn il-Muddy Waters Bar, minn isfel għal fuq li tispiċċa f’ Telgħet B’Kara.

c) isir rampa ħdejn il-Merħba Pharmacy, f’Ta’ Ġiorni

2.12 Ġie deċiż unanimament li l-MP&DC jiġi mitlub jispezzjona dawn it-talbiet u jekk dawn ix-xogħolijiet jistgħu jsiru tingħata stima.

Rif. Nru. 3214

2.13 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward tabelli biex vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe ‘l-barra fil-Housing Estate, f’Ta’ Ġiorni. Dawn ma ġewx approvati minn Transport Malta peress li m’għandhomx bazi legali .

2.14 Madankollu ġie deċiż unanimament illi t-tabelli li jindikaw li jsir parkeġġ bl-*exhaust pipe* ‘l-barra jitwaħlu xorta waħda kif ġej:-

a) Tabella waħda fi Pjazza Spinola ħdejn it-Tony’s Bar.

b) Tabella waħda fi Triq Lapsi quddiem Lapsi Court (hdejn il-knisja).

c) Żewġ tabelli fi Triq Bertha K. Ilg.

d) Tlett tabelli fi Triq Jean Houel.

Rif. Nru. 3227

2.15 Saret riferenza għall-email mingħand l-Enemalta rigward id-dawl tal-*Playing Field* ta’ Triq Birkirkara.

2.16 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li tkellem mas-Sur Manuel Briffa u dan aċċertah li l-Kunsill mhux ser jidħol fl-ispejjeż tal-meter u l-kontijiet. Għalhekk ġie deċiż li l-kuntrattur Mica Med jiġi nfurmat sabiex jinstalla d-demarcation box.

**3 Karigi / Responsabilitajiet tal-Kunsilliera**

3.01 Il-Kunsill gie ppreżentat b'kopja ta' dokument ta' kif tqassmu l-karigi u ż-żoni. (Ara Appendici 'D').

3.02 Ġie deċiż unanimament li l-*Magazine* tal-Kunsill jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**4 Ġbir ta' l-iskart**

4.01 Saret riferenza għas-sitwazzjoni tal-ġbir ta' l-iskart fil-lokalita' u għall-kwotazzjoni mingħand il-VellJo (Ara 'E').

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-borża l-griża tinġabar nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa s-sena kollha u li għal zmien is-Sajf iġifieri mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru jsir il-ġbir tal-borża s-sewda wkoll nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ispiza ser tkun kif ġej:-

a) San Ġiljan €255 x 31 ġurnata (mill-15 Ġunju sat-30 ta' Settembru) = €7905 inkluż il-VAT.

b) Paceville €125 x 31 ġurnata (mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru) = €3,875 inkluż il-VAT.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 Ġie deċiż ukoll illi l-VellJo jiġi nfurmat li mill-15 ta' Ġunju 2012 l-iskart jibda jinġabar hekk kif ġej:-

a) Mit-8.00a.m. min-naħa ta' Żona 1 u Żona 2;

b) Mid-9.30a.m. min-naħa ta' Żona 5 u Żona 6;

c) Mil-10.30a.m. min-naħa ta' Żona 3 u Żona 4.

4.06 Ġie deċiż unanimament illi tintgħalab laqgħa mal-VellJo u jiġu nfurmati l-Kunsilliera.

4.07 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fil-4.40pm.

**5 Impjegati tal-Kunsill**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba li żewġ impjegati huma *pregnant* u minħabba li wahda toħroġ bil-*maternity leave* f'Ottubru / Novembru u l-oħra toħroġ bil-*maternity leave* f'Novembru / Diċembru, u minħabba l-volumm tax-xogħol, intbagħtet talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jingħata permess biex tinħareġ applikazzjoni biex wahda mill-part-timers tkun tista' tiġi impjegata bħala full timer peress li diġa għandha l-esperjenza filwaqt li ż-żewġt postijiet ta' l-impjegati li ser joħorġu bil-maternity leave jimlew permezz ta' *back to back contracts*.

5.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Tender - Rampa għal Aċċessibilita' Aħjar**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda u bl-evalwazzjoni tat-tender (Ara Appendiċi 'F').

6.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kellem lill-kuntrattur LK Ltd. u dan ikkonferma li l-istima hija korretta.

6.03 Ġie deċiż li l-kuntrattur jiġi mitlub jikkonferma bil-miktub.

6.04 Wara diskussjoni qasira u fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, il-Kunsillier Anthony Grech ippropona li tingħażel l-offerta tal-LK Ltd. wara li jikkonferma bil-miktub.

6.05 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

6.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi ‘G’).

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3195 sa 3222 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘H’).

8.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3195 sa 3222.

8.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat talba lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali sabiex jiġi rranġat il-bank tal-injam li hemm fir-rampa ta’ bejn il-Monument tal-LOVE u Xatt is-Sajjieda;

9.02 Saret riferenza għall-avviż li deher biex tiġi rranġata l-mejda tal-boardroom, jiġu provduti żewġt siġġijiet ġodda u tinbidel it-tapizzerija ta’ 8 siġġijiet oħra. Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva kwotazzjoni mingħand Trends Limited b’żewġt options għall-mejda.

9.03 Ġie deċiż unanimament li tingħażel option 1 tal-kwotazzjoni ta' Trends Ltd, għall-ammont ta' € 1869.76. (Ara Appendiċi 'I')

9.04 Saret riferenza għal avviż li deher biex isir xogħol ta' *surveying* fejn ser isir il-proġett ta' l-aċċessibilita' ħdejn il-Cavallieri Hotel (għall-ewwel u t-tieni fażi – Ara Rif. Nru. 3080/12 – Appendiċi 'J') u li jagħlaq fl-1 ta' Ġunju 2012. Ġie deċiż li tingħażel l-aktar offerta vantaġġjuza.

9.05 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ser jipprepara ittra ta' awguri biex tintbagħat lill-Melita FC peress li telgħu mill-1st Division għal Premier.

9.06 Isir talba sabiex fi Triq il-Qalb Imqaddsa jkun hemm aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali waqt id-dħul u ħruġ mill-iskola peress li l-vetturi qegħdin jgħaddu *wrong way.*

9.07 Tintbagħat ittra lill-U-Bistrot sabiex ma tibqax tiġi ostakolata l-*letter box* bis-*sandwich board* li qed titqiegħed quddiemha.

9.08 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2012 fit-3.00 p.m.

9.09 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.30p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**